# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħin (70) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Nicholas Briffa ppreżenta t-***token* ta' Ġieħ l-Imqabba** kif kien immudellat minnu fis-seduta preċedenti, lill-KLM. Dan intlaqa' tajjeb ħafna u kien apprezzat għaliex huwa verament xi ħaġa magħmula b'addattazzjoni għal min f'Ottubru 2011 se jkun qed jimmeritah dan il-premju. Il-kunsillieri irringrazzjaw lil Nicholas Briffa tal-ġest sabih tiegħu li jirregala din l-opra ta' arti lill-KLM. Is-sindku qal li dan mal-preparamenti u d-data ser jiġu diskussi f'laqgħa aktar 'il quddiem.

3. Il-**minuti** li ntbagħtu mis-segretarju eżekuttiv ftit tal-jiem qabel permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri biex ikollhom iċ-ċans li jifluhom, kienu meħuda bħala moqrija u ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ebda' korrezzjoni. Għaldaqstant ġew meħuda bħala approvati u kienu ffirmati.

4. Dwar l-attività li nżammet minn ***Care Malta Ltd* għan-*Nazzareno Vassallo Award***, is-sindku qal li hu attenda u minkejja li ġie nfurmat illi s-Surmast Tonna (li kien nominat mill-KLM ma kienx jiflaħ u għaldaqstant m'attendiex) il-premju ingħata lid-Deputat Sindku taż-Żejtun, Joan Agius, bħala mertu għal dak li qiegħda tagħmel mal-anzjani.

5. Dwar it-**trinka** li għandha ssir fil-**Pjazza tal-Knisja** biex telimina *overhead wires*, is-sindku qal li sfortunatament fil-Korporazzjoni Enemalta għadu għaddej l-*istrike* mil-ħaddiema u għaldaqstant il-materjal ma jistax jiġi provdut. Dan ifisser li jkun inutli li niftħu gandott mingħajr ma jkollna indikazzjoni meta dan se jingħalaq propju f'post sensittiv fir-raħal.

6. Għall-avviż tal-ftuħ tal-kwotazzjonijiet li deher kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-ġurnal *The Malta Independent* biex il-KLM f'isem il-**KLM taż-Żgħażagħ**, jingħata stimi sabiex isiru dokumentarju fuq il-lokalità tal-Imqabba, jistampa kalendarju b'ritratti fuq l-Imqabba għas-sena 2012, iwaħħal *CCTV cameras* fil-Pjazza tal-Knisja, kif ukoll *Internet WI-FI* f'dan il-post pubbliku, kellna rispons tajjeb ħafna minn fornituri ta' dawn is-servizzi. Intant is-sindku fakkar lill-KLM sabiex xi ħadd mil-kunsillieri jkun preżenti miegħu għada f'nofs-in-nhar sabiex jassistu lis-segretarju eżekuttiv ħalli jinfetħu dawn il-kwotazzjonijiet.

7. Fir-rigward tal-problema ta' **parkeġġ fi Triq Mikelanġ Sapiano** bejn żewġ residenzi, is-sindku qal illi qed nistennew linja direttiva mingħand *Transport Malta (TM)* dwar fejn u kif se jkun immarkat (għadna ma nafux jekk hux *single* jew *double yellow line*) peress li kien hemm intervent mill-*Ombudsman* li kien xtaq klarifika.

8. Il-Perit Anthony Bezzina kellu żball fl-*addition* tal-kont tal-*BOQs* ta' Triq il-Fjuri u qed jerġa' jirrevedi l-istimi kollha sabiex inkunu nistgħu infornu b'dak li hu rekwiżit lill-*MEPA* ħalli l-KLM jagħmel użu mill-**Fond għat-Titjib Urban**. Dan wara li aktar kmieni matul din is-sena konna applikajna sabiex nutilizzaw dawn il-fondi akkumulati favur il-lokalità tagħna.

9. Għal dak li deher fil-*media* li l-gvern ċentrali se jagħmel **toroq ġodda fl-Imqabba**, fil-verità numru minn dawn it-toroq jew saru jew qed isiru mill-KLM. Infatti s-sindku qal li l-*pilot project* kien imġedded fl-Imqabba għal toroq li għadhom fl-istat ta' *macadam* u fosthom insibu Triq Ġiacomo Tortella, Triq Ġużeppi Galea, li diġà saru kif ukoll Triq is-Surmast George Martin li dwarha hu qal li ftit jara l-bżonn li ssir peress li m'hemmx bini fiha. Hawn Nicholas Briffa qal li din it-triq hija mportanti li ssir ukoll għaliex hija entratura alternattiva għall-familji li jgħixu wara l-ġibjun (in-naħa l-oħra tal-*by-pass*), minkejja li jirrikonoxxi l-fatt li din ma fihiex residenti. Is-sindku wieġeb li tkun ħasra li ssir bit-*tarmac* meta titkisser kollha malli jibda tiela' l-bini.

10. Il-KLM kien infurmat illi l-**Aġenzija tal-Pagamenti** aċċettat l-applikazzjoni tal-kunsill, tal-2009 fejn konna applikajna għal Miżura 313, dwar *upgrading* ta' **Pjazza Ġublew tad-Djamanti.** Matul il-jiem li għaddew is-sindku u s-segretarju eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt ta' kwazi nofs miljun ewro biex isir il-proġett. Kopja ta' dan il-kuntratt ingħatat lill-kunsillieri biex ikunu jafu bl-obbligi kollha li dħalna għalihom fosthom l-ispejjeż tal-perit, kif ukoll dawk tal-*VAT*, li se jitħallsu mill-gvern ċentrali permezz tal-Ministeru tal-Finanzi. Il-KLM sar jaf bil-proċedura rigoruża li jħaddmu l-aġenzija li se jkollhom ukoll moniteraġġ saħansitra tal-fondi tal-kunsill minn naħa tagħhom, billi se jingħatalhom aċċess għal kont bankarju. Id-deputat sindku qal illi għaldaqstant irridu nimxu rigorożament ma' dak kollu li ffirmajna għalih għaliex hemm kontrolli stretti anke mill-Unjoni Ewropeja b'awditjar fid-dettal.

11. Fis-7:00pm kienet sospiża l-laqgħa tal-KLM sabiex ingħata spazju li jaġġornana l-President tas-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** dwar dak kollu li dwaru xtaqu li jikkollabora magħhom il-KLM, fl-attivitajiet maħsuba għall-okkażżjoni taċ-ċentinarju tal-każin. Teddy Farrugia talab lill-KLM li fis-16 ta' April 2011, jittella' kunċert tal-allievi u xtaq illi jintuża l-Isptar il-Qadim. Il-president talab ukoll li nhar il-Ħadd, 10 ta' April 2011, fl-10:00am, jagħmlu laqgħa fl-Isptar il-Qadim għar-rappreżentanti tal-kumitati kollha tas-soċjetà. Huwa qal illi fil-festa, *cioè* minn nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2011 'il quddiem se żżurna banda mill-Awstrija u talab li din tiġi milqugħa wkoll mill-KLM. Dan se jsir fit-8:00pm dak in-nhar stess u talab li wkoll sabiex jintuża l-Isptar il-Qadim. Hu talab li l-ispejjeż tal-ospitalità jinqasmu mal-KLM u mhux mistenni li jkun hemm aktar minn sittin persuna. Imbgħad is-Sibt, lejlet il-festa s-sindku tal-Imqabba kien formalment mistieden mill-president biex jakkumpanjahom waqt żjara għand is-sindku tal-Belt Valletta u l-ET il-President ta' Malta fil-preżenza ta' din il-banda barranija li magħha se jkun hemm ukoll is-sindku tal-lokalità mill-Awstrija mistiedna tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Teddy Farrugia qal illi l-Ħadd, nhar il-festa se jkunu ffilmjati ġurnata sħiħa sa mill-quddiesa ta' filgħodu fuq l-istazzjon *ONE TV*, filwaqt li se ssir żjara minn dan il-kontinġent barrani fil-Katakombi tal-Mentna (diġà tlabna lill-*Heritage Malta* sabiex jingħata l-permess) kif ukoll biex iħawwlu siġra endemika Maltija fi Ġnien Mikelanġ Sapiano bħala tifkira taż-żjara tagħhom fostna. Il-banda barranija se tiddebutta is-Sibt lejlet il-festa, fejn il-kunċert annwali li s-soltu jsir mill-banda tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, din is-sena se jsir minnhom. Għal dawn l-attivitajiet, il-president stieden lill-kunsill kollu. Fis-7:20pm kompliet il-laqgħa tal-KLM u kien deċiż illi t-talbiet kollha jintlaqgħu għajr dik tal-kunċert tal-allievi fl-Isptar il-Qadim. Is-suġġeriment tal-KLM huwa illi dan isir fil-*lobby* tas-sala tal-Iskola Primarja ġaladarba dan hu aktar aċċessibbli għal serati bħal dawn.

12. Dwar is-siġar tal-*ficus* **li hemm fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**, is-sindku qal illi se jinqala' u se jitkompla l-bdil tal-kurduna tal-bankina fejn hemm il-ħanut taż-żebgħa. Saret referenza għal kurduna li hemm ingastata fil-konkos tal-bankina in-naħa tal-karreġġata li mhux se tintmess peress li jekk titkisser, ikollna nidħlu għas-spejjeż żejda tal-irranġar tal-bankina. Dan ix-xogħol qed isir grazzi għall-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura.

13. Għat-talba tal-KLM, u li din kienet milqugħa minn *Transport Malta (TM)*, se tingħalaq **Triq San Mikiel** bil-*bollards* u din il-parti tar-raħal tiġi pedonali bħalma hija parti minn Triq il-

Parroċċa. Il-KLM qabel li l-Matla jixirqilha aħjar minn *garage* u li ma tibqax imblukkata minn vetturi li qed jagħmlu ħsara bit-taqtir taż-żejt fuq il-mattonċina li għadha kemm tpoġġiet. Għaldaqstant il-KLM iddeċieda li jagħżel tliet *bollards* tal-*cast iron* li jiswew €88.40-il waħda (mingħajr is-*sockets*) liema prezz jeskludi l-*VAT* u s-*sleeve* li se jkun imħawwel fit-triq u jingħalaq b'għatu f'każ li jkunu jridu jinqalgħu (f'xi purċissjoni eċċ). Dawn se jitwaħħlu waħda fil-parti ta' fuq u tnejn fil-parti t'isfel tat-triq.

14. Is-sindku għarraf lill-kunsillieri nhar il-25 ta' Mejju 2011 se ssir **ħarġa għal Għawdex**. Il-prezzijiet issussidjata li approva dan il-kunsill filwaqt li jintuża s-servizz ta' *Garden of Eden* l-uniku fornitur f'Malta li jieħu ħsieb kollox hu, għaliex huma biss joffru servizz mill-bidu sal-aħħar bit-trasport kemm f'Malta w'Għawdex, kif ukoll l-ikel (u għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa li toħroġ kwotazzjoni /*tender*), huma dawn €25 għall-adulti, €15 għat-tfal, u €21 għall-anzjani. Il-prezzijiet huma differenti għaliex l-anzjani ma jħallsux tal-vapur peress li se tintalab il-kartanzjan. Is-sindku qal li se nitilqu ma' tas-7:00am u se nippruvaw nirranġaw biex nisimgħu Quddiesa fiż-Żebbuġ Għawdex, minkejja li fil-programm se jkun hemm ċans li l-Imqabbin jagħmlu dawra fuq il-monti, żjara lis-Santwarju Ta' Pinu, jixtru mill-ħwienet tal-Fontana, jieklu x-Xlendi l-aħħar ħin biex jibqgħu jilagħbu t-tombla, u jżuru wkoll il-bajja ta' Marsalforn. Grace Marie Mallia qalet li għandna nkunu fil-ħin.

15. Is-sindku semma l-laqgħa li kellhom hu u s-segretarju eżekuttiv ma' *Transport Malta (TM)*, diversi jiem ilu dwar is-**sistema l-ġdida ta' trasport** fil-lokalità tagħna. Minn din il-parti ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija se tibda tgħaddi tal-linja diretta għall-Belt għall-ewwel darba. Mentri minn Triq il-Madonna tal-Ġilju għall-Pjazza tal-Knijsa, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Ħmistax ta' Settembru, Triq il-Barrieri u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija se tgħaddi dik ċirkulari. Dawn dejjem se jinkludu l-*hub* tal-ajruport, u fil-każ taċ-ċirkulari jista' jitqies bħala *t-terminus.*

16. Is-sindku qal li għalkemm das-suġġett kien ġie diskuss ma' dawk involuti, il-każini qed jipproponu li l-***bye-law*** li għadda l-KLM dwar il-kontenituri tal-ħġieġ tiġi emendata. Dan għaliex huma qed iħossu li ma saritx diskussjoni biżżejjed magħhom. Għal dan is-suġġeriment se naraw jekk dan hux possibbli wara tant xhur nistennew li din tkun approvata. Se nitolbu parir dwar il-possibilita' ta' emendi.

17. Dwar l-applikazzjoni tal-KLM biex il-**pannelli fotovoltaiċi** jiġu mqabbda mal-linji tal-elettriku u jibdew jiġġeneraw l-enerġija li tkun reġistrata, s-sindku qal illi erġajna imlejna applikazzjoni oħra għaliex dawk kollha li mlejna qabel, kienu intilfu, u mar biha hu *by-hand* għand l-Awtorità Maltija tar-Riżorsi.

18. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv jagħti rendikont dwar dak kollu li qed isir waqt l-**uditjar tal-kotba għas-sena 2010.** Huwa rrisponda li bħal kull sena, qed jintalab apparti li jipprovdi mammi taċ-ċekkijiet, kotba tar-riċevuti, dokumentazzjoni bħal kuntratti, garanziji bankarji tal-kuntratturi, raġunijiet għal *awarding* tal-kuntratti, u elf ħaġa oħra. Fil-jiem li ġejjin hu antiċipat li jsiru *cash counts*, assessjati infieq speċjalment kapitali bħalma kienu t-toroq u ċ-ċertifikazzjoni tal-perit u infieq f'ospitalità, dokumentazzjoni dwar skadenzi ta' kuntratti, donazzjonijiet minn u lill-kunsill anke dawk deskritti bħala *in kind*, *travel and communication expenses, etc.*

19. Il-**wirja tal-arti** li kienet se tkun organizzata fl-Isptar il-Qadim minn Mrs Annemarie Hoogvliet Weijers issa m'hix se ssir għaliex kienet kanċellata. Minkejja li r-raġuni kienet illi din mhix se ttella' l-wirja għal raġunijiet personali. Il-kunsill qabel max-xewqa tagħha u ser jiktbilha lura.

20. Kienet approvata l-***Payment Approva Sheet*** numru **410**.

21. F’punti oħra kienet diskussa l-attività deskritta bħala **Festa Familja** li ser jorganizzaw is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, nhar l-1 ta’ Mejju, 2011. Dan se jsir f’Misraħ il-Fidwa.

22. Is-sindku rrefera għal kwalifikazzjoni ta’ ***Energy Saving Scheme 2011***, li għall-attività attenda is-segretarju eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ħal Għargħur. Hu qal illi permezz ta’ dan il-proġett se nagħmlu *upgrade* fl-uffiċċju permezz ta’ dwal li jaħlu inqas, *monitors TFTs* u dak kollu li permezz tiegħu se nnaqqsu l-kontijiet tal-elettriku. Minnha ser nibdlu d-dawl kollu tal-Isptar il-Qadim u jsir kollu *energy saving bulbs.*

23. Il-**laqgħa ntemmet fit-8:30pm** u l-Kunsill Lokali Mqabba se jiltaqa’ fl-istess ħin nhar it-12 ta’ April, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13 /04 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |